VOICE OF THE WORKERS

# Proposti għall-Budget 2017

## Prekarjat

Il-UĦM VOW qed terġa' tipproponi lill-Gvern sabiex tintuża t-teknoloġija ħalli d-drittijiet bażiċi minimi stabbiliti minn diversi liġijiet dwar ix-xogħol, ikunu infurzati. Dan jista' iseħħ permezz ta' *portal* fejn wieħed jista' (a) jagħżel il-forma tal-kuntratt; (ii) jimla l-kuntratt *online* bid-drittijiet bażiċi minimi meħuda bħala stabbiliti; (iii) jagħmel *upload/download* tal-kuntratt *online*. Permezz ta'din l-inizjattiva, wieħed ikun jista' jindirizza l-prekarjat u jara li l-ħaddiema kollha jkollhom kuntratt ta' xogħol u d-drittijiet minimi jkunu salvagwardjati awtomatikament. Il-UĦM VOW għadha tittama li l-Gvern isib iċ-ċans sabiex jikkonsulta u jimplimenta magħha. Dan sabiex il-ġlieda kontra l-prekarjat tabilħaqq tara d-dawl tax-xemx.

## Kooperattivi

L-ispiża fuq il-pagi fis-settur pubbliku żdiedet. Dan filwaqt li l-Gvern qiegħed jinsisti fuq *Public Private Partnerships* (PPPs) f'oqsma bħas-settur tas-saħħa. Kemm qed iservu ta' ġid dawn il-PPPs? Il-UĦM VOW temmen li dan il-mudell mhux l-unika soluzzjoni. Soluzzjoni importanti huma l-kooperattivi. Għaldaqstant din il-*union* ittenni li l-koperattivi huma mudell ta' negozju li mhuwiex biss flessibbli ħafna, imma jista' jaħdem f'kull settur, inkluż fil-qasam tas-saħħa. Il-*Unions* jistgħu jkollhom rwol attiv fit-twaqqif tal-koperattivi. Il-UĦM VOW tfakkar li fl-2013 il-Gvern kien aċċetta l-proposta tagħha tal-koperattivi soċjali, li kellha l-għan li

UĦM
Voice of the Workers
St Thomas Str.
Floriana FRN 1123 Malta
T: (+356) 2590 5000
E: info@uhm.org.mt

www.uhm.org.mt

tindirizza wkoll il-prekarjat. Iżda fi tliet snin il-Gvern għadu ma sabx l-opportunita’ biex jiddiskuti u jesegwixxi flimkien mal-UHM.

**Ekonomija**

- Il-*UHM Voice of the Workers* tinnota li t-tkabbir ekonomiku għall-2017 hu previst li jinżel għal rata ta' 3.5 fil-mija, rata li tibqa' relattivament għolja meta mqabbla ma' ħafna pajjiżi fiz-Zona Ewro. Filwaqt li t-tkabbir ekonomiku fl-aħħar snin kien wieħed għoli, l-inflazzjoni baqgħet relattivament baxxa. Hu minnu li rajna l-prezz internazzjonali taż-żejt jinżel, iżda r-rata ta' l-inflazzjoni għadha bbażata fuq il-*Household Budgetary Survey* (HBS) ta' aktar minn ħames snin ilu.

- Għalhekk il-UHM VOW qed tħeġġeġ lill-Gvern sabiex ilesti il-HBS 2015 u b'hekk idaħħal fis-seħħ mill-aktar fis-possibbli dak li qed ikun meqjus mill-pubbliku bħala rilevanti għall-konsum illum.

- L-ekonomija f'pajjiżna bħalissa għaddejja b'ritmu qawwi (b’riskju ta’ *overheating* fis-settur tal-bini) iżda qed naraw dipendenza daqstant qawwija fuq proġetti, jew ta' darba jew li x'aktarx jintemmu wara ftit snin.

- Il-UHM VOW isemmi b'mod partikulari il-proġett tal-*power station* u l-Programm ta' Investiment Internazzjonali jew il-bejgħ taċ-ċittadinanza. Bħala *union*, nixtiequ naraw strateġija għal tkabbir ekonomiku aktar fit-tul u li wkoll iħares lil hinn mis-setturi tradizzjonali bħat-turizmu, eċċ. Dan hu neċessarju jekk verament irridu ekonomija mibnija fuq pedamenti sodi u mhux biss inħarsu lejn kalkoli politiċi. Hemm bżonn ukoll ninvestu f'setturi ġodda permezz ta' inċentivi fiskali u oħrajn biex inħajru aktar innovazzjoni u kreattivita' fl-ekonomija.

***Minimum Wage***

- 2. Il-UHM VOW qed titlob li jsir *impact assessment* settur settur, f'każ li l-Gvern jiddeċiedi jżżd il-*minimum wage*. Għad għandna setturi bħall-*catering* u servizzi oħrajn fejn ħaddiema qed jitħallsu bil-paga minima u huma dawn is-setturi li jistgħu jintlaqtu b'mod negattiv (setturi fejn il-preżenza ta' *trade unions* hi minima).

- Idealment ikun aħjar jekk il-kunċett ta' *living wage* jerga' jitqiegħed fuq l-aġenda tad-dibattitu fost l-imsieħba soċjali. Il-pożizzjoni tagħna hi li l-*living wage* sservi bħala gwida għal tfassil ta' politika soċjali u bħala gwida għal kull ftehim kollettiv. Il-UHM ma temminx li għandha tkun mandatorja iżda xorta waħda temmen li l-kunċett jista' jgħin lil dawk il-familji bi dħul baxx. Ta' min iżid li b'*living wage* infissru dħul adekwat biex ikopri spejjeż sabiex tgħajjex familja, naturalment skont id-daqs ta' familja u fatturi oħrajn rilevanti għal pajjiżna.

***Housing***

- Fir-rigward tal-*housing*, hu ċar li l-kirjiet qed jogħlew minħabba influss ta' barranin li qed jaħdmu f'pajjżna.
- Fl-opinjoni tal-UHM, il-Gvern irid jiddistingwi bejn dawk il-familji bi dħul baxx li ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja u dawk li qed iħallsu kirjiet għal residenzi waqt iż-żmien li qed jaħdmu f'pajjiżna.
- Il-UHM VOW ma taqbilx ma' *ceiling* nazzjonali ta' kirjiet iżda hu l-waqt li ssir evalwazzjoni ta' suq tal-propjetatjiet biex titfassal politika li tirrispondi għal popolazzjoni li qed tkompli tikber.

## **Produttivita'**

- Il-UHM VOW tinnota li l-produttivita' f'pajjiżna tibqa' ftit anqas mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Hu minnu li qed naraw aktar impjiegi jinħolqu fis-settur tas-servizzi u għalhekk f'setturi fejn il-livell ta' investiment kapitali hu anqas ras għal ras. Madankollu, hemm bżonn ta' miżuri aktar effettivi biex inkomplu nżidu l-produttivita' fil-qasam tax-xogħol. Il-UHM VOW għalhekk qed tipproponi li għall-Budget 2017, tidħol miżura li tinċentiva lill-ħaddiem li jilħqu livelli ta' produttivita' miftiehma minn qabel bejn il-*unions* u min iħaddem. Din il-miżura tista' tieħu forma ta' għajnuna finanzjarja mill-*Jobs Plus* għal aktar taħriġ u żvilupp fir-riżorsi possibilment ukoll f'dawk l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Naturalment wieħed irid iqis ir-regolamenti dwar *state aid*.

## **Bank għall-Iżvilupp**

- Il-UHM VOW tinnota b'sodisfazzjoni li bit-twaqqif ta' bank għall-iżvilupp nistgħu nsibu rimedju ghall-intrapriżi żgħar li s'issa kellhom problemi kbar għall-aċċess għall-finanzi minn banek kummerċjali.

- Il-*Union* tħeġġeġ, iżda, li dan il-bank għandu jitmexxa fuq sisien sodi ta' governanza u ma jagħtix servizz ibbażat fuq uċuh jew kuluri. Il-*Union* turi t-tħassib tagħha għall-fatt li l-kwistjoni tal-governanza mhix qed tkun indirizzata u dan se jkollu effett fuq dan il-pajjiż saħansitra biex jattira investiment minn barra.

## **Settur tal-kostruzzjoni**

- Il-UHM VOW qed tara ġirja sfrenata fil-ħruġ ta' permessi għall-bini. Għalkemm hu fatt li s-settur tal-kostruzzjoni qed jagħti spinta qawwija lill-ekonomija, mhux qed jingħata wisq kas għall-effett negattiv fuq l-ambjent, l-infrastruttura u piżijiet oħrajn li din il-ġirja qed iġġib magħha.

- Il-UHM VOW bl-ebda mod mhi kontra l-iżvilupp u l-intrapriża privata f'dan is-settur iżda tħeġġeġ lill-Gvern sabiex ma jwarrabx in-neċessita' għal żvilupp aktar sostenibbli u li jħares l-interessi ta' uliedna speċjalment fil-ħtieġa ta' spazji u ambjent aktar nadif.

***<u>Early School Leaving Rate</u>***

- L-*Early School Leaving Rate* tibqa' ta' tħassib għall-UHM VOW u l-*union* tħeġġeġ lill-Gvern biex isaħħaħ l-edukazzjoni fil-livell Primarju u Sekondarju f'pajjiżna.

- Ir-rizultati tas-SEC, speċjalment fil-Matematika, hu ta' tħassib għall-UHM VOW u l-Gvern ma jistax jistrih fuq il-fatt li r-rata ta' qgħad tibqa' waħda relattivament baxxa. Il-ġejjieni ta' pajjiżna jiddependi mill-ħiliet u kwalifiki ta' uliedna u għalhekk hemm bżonn li t-tagħlim jissaħħah f'pajjiżna.

**<u>It-Trasport</u>**

- Fil-qasam tat-transport, il-UHM VOW tinnota b'sodisfazzjon iż-żieda ta' 20 fil-mija fil-passiġġieri li jużaw il-*Malta Public Transport*.
- Madankollu, xorta waħda qed naraw żieda fin-numri ta' karozzi fit-toroq taghna u dan ifisser li l-istrateġija għal transport f'pajjiżna għadha biss eżerċizzju akkademiku li mhux qed twassal biex ikollna *modal shift* kif hu mixtieq għal pajjiżna.

## Kumpens għal btajjel pubbliċi mnaqqsa

Il-proposta sabiex jingħata kumpens għal numru ta' vaganzi pubbliċi mnaqqsa (li huma ħamsa) hi li jiżdied il-bonus annwali statutorju li jingħata lill-ħaddiema mal-paga bażika; il-bonus addizjonali għandu jitħallas mill-Gvern permezz ta' ċekk maħruġ mit-Teżor; għandu jitħallas b'mod sħiħ għal min għandu dħul sa €9,999 u b'rata mnaqqsa meta d-dħul jiżdied kif ġej:-

| Bracket f' € | Numru ta' ħaddiema | Perċentwal | Rata € | Kumpens € |
|---|---|---|---|---|
| 8,736-9,999 | 10,591 | 100% | 200 | 2,118,200 |
| 10,000-15,000 | 32,832 | 90% | 180 | 5,909,760 |
| 15,001-20,000 | 31,711 | 75% | 150 | 4,756,650 |
| | **75,134** | | | **€12,784,610** |

Jekk inżidu żewġ *brackets* oħrajn ta' dħul, in-nefqa tiżdied kif indikat hawn taħt:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 20,001-25,000 | 23,938 | 60% | 120 | 2,872,560 |
| 25,001-30,000 | 20,052 | 45% | 90 | 1,804,680 |
| | **119,124** | | | **€17,461,850** |

Il-proposta se jkollha impatt pożittiv għax iżżid id-dħul ghal dawk li jirċievu l-kumpens u għalhekk potenzjalment iżżid il-konsum. Il-proposta ma taffettwax lill-produttivita' b'mod negattiv. Għall-kuntrarju, tista' isservi biex isaħħaħ il-produttivita' fost dawk li jirċievu l-kumpens.

## *Sick Leave* mhux utilizzat

Il-UHM VOW qed tipproponi li l-ħaddiema u min iħaddem jistgħu jagħmlu użu mis-*sick leave* tas-sena ta' qabel li ma ġiex utilizzat f'każ ta' mard serju fost it-tfal jew qraba, liema mard jista' jolqot ix-xogħol tal-ħaddem jew min iħaddem.

***<u>In-work benefit</u>***

Wara li l-UHM kienet il-mutur wara l-politika tal-*Jobs +*, rajna ħafna miżuri li jidħlu fis-seħħ permezz ta' din il-politika. Uħud mill-proposti jinkludu ċ-*Child Care* b'xejn, it-*tapering* tal-benefiċċji soċjali u l-introduzzjoni ta' *in-work benefits*. Dawn huma miżuri li bla dubju ta' xejn ħallew impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol lokali, ħeġġew aktar nies biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u żammew iżjed nies fis-suq tax-xogħol. L-istess miżuri ppremjaw lil kull min kien qiegħed attiv fis-suq tax-xogħol u tbiegħdna mill-politika li tippremja lil min hu inattiv. Illum fid-dawl tal-apprezzament lejn l-isforz lejn dawn il-familji, speċjalment dawk bi dħul baxx li qed jagħmlu l-ħila tagħhom biex ikunu attivi fis-suq tax-xogħol, il-UHM VOW tħoss li l-Gvern għandu jirrikonoxxi u jippremja lil dawn il-familji permezz ta' żieda fl-għotja ta' *in-work benefit*. Dan għandu jiżdied u għandha tiżdied il-firxa ta' familji li għandha tintlaħaq permezz ta' dawn il-benefiċċji.

**<u>Il-Pensjonijiet</u>**

- L-anomalija li nħolqot fl 2007 fejn dawk li twieldu qabel Diċembru ta' l-1951 jieħdu pensjoni anqas minn dawk li twieldu bejn Jannar 1952 u Dicembru 1962, għandha tiġi mneħħija;

- Sabiex pensjonanti ma jaqawx f'riskju ta' faqar id-dħul ta' dawk il-pensjonanti bi dħul ta' anqas minn 60% tad dħul medju, għandha tiġi irrangata;

- Il-programm elettorali tal-Partit Laburista ta' l- elezzjoni tal-2013 f'paġna 79 punt numru 38, hemm wegħda li ser jiġu kkoreġuti l-anomaliji li nħolqu fil-pensjonijiet tas-servizzi li jolqtu lill-ħaddiema li daħlu jaħdmu mal-Gvern qabel l-1979. Wasal iż-żmien li din il-wegħda tiġi rispettata;

- L-inqas pensjoni m'għandhiex tkun inqas mill-paga minima;

- Is-*ceiling* tat-taxxa, kemm ta' persuna waħidha u anke ta koppja, huwa baxx. Dawn għandhom jogħlew ħalli l-faxxa ta' taħt jibqgħalhom aktar flus f'idejhom.

**<u>Il-Pensjoni tax-Xogħol</u>**

Il-UHM għadha qed tinsisti li terġa' tiddaħħal il-Pensjoni tax-Xogħol (is-*Second Pillar Pension*) biex nissalvagwardjaw il-futur tal-pensjonijiet f'Malta. Għal dan il-għan se tikkummissjoni studju apposta. Il-UHM tibqa' tistaqsi għaliex din il-proposta qed tkun skartata mill-Gvern mingħajr l-iċken ħjiel ta' studju fuq kemm hi fattibbli. Il-politika dwar il-pensjonijiet għandha bżonn tħares lil hinn mill-aspett elettorali.

**<u>Għawdex</u>**

- Il-UHM VOW temmen li l-ewwel u qabel kollox irid ikun hemm aktar aċċessibbilta' bejn Malta u Għawdex. Aktar studji dwar il-konnettivita' permanenti u dik bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer għandhom ikunu appoġġjati. Trid tingħata importanza lill-vijabbilta' teknika (li tinkludi studji dwar siti alternattivi sabiex issir *airstrip*), tisħiħ soċjali u l-ħolqien tax-xogħol.

- Il-*union* tipproponi li għandha tiġi indirizzata l-problema tal-*brain drain* f'Għawdex peress li ħafna żgħażagħ qed imorru jaħdmu f'Malta b'riżultat li f'Għawdex hemm anqas nies li kapaċi jaħdmu kif ukoll nuqqas ta' ħiliet. Il-*union* taqbel li impjegati ġodda jew dawk *self-employed* (MQ Level 5 'il fuq) u li jgħixu Għawdex kif ukoll jaħdmu f'kumpaniji li jħaddmu sa għaxar ħaddiema (*micro firms*), ikunu suġġetti għal krediti fuq is-Sigurta' Nazzjonali ta' min iħaddem u l-ħaddiema għal perijodu ta' tliet snin. Għal kumpaniji żgħar u medji (li jħaddmu aktar minn għaxar ħaddiema), ir-rata ta' appoġġ għandha tkun ta' 75 fil-mija fuq dak indikat għal kumpaniji *micro*.

- Il-UHM VOW temmen li għandu jkun hemm iżjed żvilupp fil-proġett taz-Zona Industrijali tax-Xewkija. Dan biex jinħoloq aktar xogħol u ż-żgħażagħ Għawdxin jaħdmu f'Għawdex.

- Il-UHM VOW temmen li għandu jingħata appoġġ lill-implimentazzjoni tal-proġett *Gozo Digital Hub* u li jinvolvi *submarine link*, spazju għall-*office incubation* u attivitajiet dwar taħriġ.

- Għandhom jiżdiedu l-fondi għal statistika speċifika dwar Għawdex li tgħaddi għand l-NSO f'Għawdex stess. Tali statistika għandha tkopri l-qafas tat-turiżmu u l-ivjaġġar bejn iż-żewġ gżejjer.